# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu 2001

Rikors numru 174/01 AJM

Kawza numru

Wara l-mandat ta' zgumbrament numru 157/01 NS fl-ismijiet:
Gemma Falzon f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri Matthew Falzon

Vs

Stephen Falzon.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentat minn Stephen Falzon fit-2 ta' Frar 2001 meta dan, wara li ppremetta li l-intimata kienet talbet u otteniet l-hrug ta' mandat ta' zgumbrament kontra tieghu in forza ta'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Marzu 1998 konfermata fl-Appell, talab lil din il-Qorti tirrevoka l-imsemmi mandat u tordna l-hrug ta' l-opportun kontro mandat inkwantu l-ebda wahda mis-sentenzi citati ma ordnat l-izgumbrament tar-rikorrent mill-fond indikat fil-mandat.

Rat ir-risposta tal-intimata fejn gie sottomess li din t-talba ghandha tigi michuda billi s-sentenza fuq imsemmija titkellem car dwar l-obbligi tar-rikorrent, konvenut f'dawk il-proceduri, li jirrilaxxa d-dar matrimonjali u l-ghamara ta' gewwa fiha lill-martu, intimata presenti.

Semghet lir-rikorrent u hadet konjizzjoni tas-sottomissjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

B'sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu 1998 fil-kawza "Gemma Falzon pro et noe vs Stephen Falzon" fil-proceduri ghas-separazzjoni tal-kontendenti, wara li l-Qorti pprovdiet dwar il-htija ta' wiehed mil-konjugi, dwar il-kustodja tal-iben minuri, u l-manteniment dovut mir-rikorrent odjern lill-martu, il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti in vista ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn l-istess konjugi li kien irregola dan l-aspett tal-patrimonju familjari, kompliet biex tghid fir-rigward tal-assi komuni li "*l-konvenut ghandu jirrilaxxa d-dar matrimonjali favur l-attrici esklussivament u dan bl-ghamara kollha li tinsab fiha ....*"

Din is-sentenza giet sussegwentement konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li fl-istess hin laqghet appell incidentali tal-intimata odjerna limitatament ghall-kwistjoni tal-alimenti.

Fit-22 ta' Jannar 2001 Gemma Falzon proprio et nomine talbet l-izgumbrament tar-rikorrent odjern in forza tas-sentenza fuq imsemmija b'rikors li jgib in-numru 157/01NS. Din it-talba giet milqugha b'digriet tat-23 ta' Jannar 2001. Dan il-mandat jifforma l-meritu tar-rikors presenti.

Ikkunsidrat:-

L-artikolu 283A tal-Kap 12 jipprovdi li "*Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, min jinhareg kontrih att esekuttiv jista' jaghmel rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att fejn jitlob li l-att esekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi.*"

Mhux kontestat li r-rikors sar quddiem il-Qorti kompetenti u dana billi l-mandat in kwistjoni hu intiz sabiex jezegwixxi sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u dan kif jipprovdi l-artikolu 265 tal-Kap 12 stante li s-sentenza tal-ewwel grad kienet kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Il-kwistjoni li tinsab quddiem din il-Qorti hija indirizzata lejn l-ezistenza ta' titolu ezekuttiv li qed tivvanta l-intimata bit-talba ghal hrug tal-mandat ta' zgumbrament. U cioe, jekk dak li inghad fis-sentenza fuq imsemmija jammontax ghall-titolu ezekuttiv a termini tas-subinic (a) ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 12 u li konsegwentement huwa ezegwibbli b'wiehed mill-mezzi imsemmija fl-artikolu 273 tal-istess Kap 12 li jipprovdi ghall-mod kif titoli ezekuttivi jistghu jigi enforzati.

L-artikolu 252 tal-Kap 12 jiddisponi li l-ezekuzzjoni b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 273, tista' ssir biss bis-sahha ta' titoli esekuttiv.

Imbaghad l-artikolu 253 jelenka dawk t-titoli esekuttivi rikonoxxuti mil-ligi li jintitolaw parti li titlob il-hrug ta' wiehed mill-mandati imsemmija fl-artikolu 273 u cioe, qbid, sekwestru, zgumbrament etc.

Is-subinciz (a) ta' l-artikolu 253 jsemmi bhala wiehed mit-titoli ezekuttivi "*is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-gustizzja ta' Malta.*" Hawn ma hemmx ghalfejn wiehed josserva li dawn is-sentenzi u digrieti ghandhom jkunu finali b'mod li jew ma jkunx sar appell minnhom, fejn jkun il-kaz, jew f'kaz li gie interpost appell, dan jkun gie determinat.

Wiehed hawn jistaqsi, x'inhi sentenza? Fil-fehma ta' din il-Qorti sentenza hija pronunzjament ta' Qorti jew tribunal fuq kwistjoni li tinsab quddiema b'mod li l-kwistjoni ta' bejn il-litiganti li li jkunu rrikorrew quddiem dik il-qorti jew tribunal tigi determinata darba ghal dejjem. Hija ghalhekk id-determinazzjoni ta' dritt u cioe s-sustanza u mhux il-forma ta' dik id-decizjoni li ghandha relevanza u kemm il-darba dak id-dritt jinnecessita' ezekuzzjoni, l-*kreditur* ghandu jirrikorri ghal mezzi provduti fil-kodici ta' Procedura sabiex jassigura l-otteniment ta' dak id-dritt.

L-artikolu 55A tal-Kap 16 jipprovdi li "Meta taghti sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha, fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet, tiddecidi skond ic-cirkostanzi jekk xi parti minnhom ghandhiex toqghod fid-dar taz-zwieg." Mis-sentenza fuq imsemmija ma jirrizultax li saret talba "ad hoc" dwar minn ghandu jabita fid-dar matrimonjali, dana gara probabilment minhabba c-cirkostanza partikolari tal-kaz billi irrizultali li d-drittijiet patrimonjali kienu gja gew determinati bil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali iffirmat mill-konjugi Falzon f'data precedenti. Izda dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-Qorti, fir-regolament

tar-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti konjugi Falzon, ipprovdiet dwar l-okkupazzjoni tad-dar matrimonjali billi ordnat li l-konvenut, f'dawk il-proceduri, kellu "*jirrilaxxa*" l-istess dar "*favur l-attrici esklussivament*." Ghalhekk jekk l-imsemmija dar kienet, fil-mument li s-sentenza saret definittiva, okkupata mill-konvenut, rikorrent odjern, dan kien obbligat li johrog minnha u jikkonsenja l-pussess taghha lill-intimata. Fin-nuqqas li l-konvneut f'dawk il-proceduri jottempera ruhhu ma' l-ordni tal-Qorti, l-unika mezz miftuh ghall-attrici (intimata odjerna) kien dak tal-mandat ta' zgumbrament. Li tirritjeni l-kuntrarju jkun ifisser li l-pronunzjament tal-Qorti tas-6 ta' Marzu 1998 ikun sar inutilment.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti hija tal-fehma li r-raguni migjuba mir-rikorrent sabiex jigi revokat l-mandat ta' zgumbrament ma hijiex wahda valida skond il-ligi u ghalhekk tichad it-talba. Bl-ispejjes.

Onor Imhallef Albert J. Magri